# L-Arġentier Tarċisju Cassar

## minn Lino Psaila

Sa mill-ibgħad żminijiet ir-raħal tagħna kellu personaġġi distinti li għamlu isem, kemm għalihom, għal raħalhom u għal Malta. Dawn in-nies kienu minn kull qasam tas-soċjetà, kemm dak politiku, edukattiv, mużikali, reliġjuż, u militari. Kien hemm oħrajn ta' isem f'oqsma oħra bħall-interzjatur Mosè Dalmas, il-kittieb Trevor Żahra, l-għalliem Dun Ġwann Tabone u bosta oħrajn.

Inkitbu volumi sħaħ dwar Karlu Diacono, Klement Tabone, Mikiel Cachia, Anġlu Gatt, l-isqfijiet Anton Żahra u Emmanuel Gerada, saru eloġji kbar dwar ħidmet dawn in-nies, u reġgħu nkitbu vrus twal dwarhom. Għaddew is-snin u isimhom baqa' mmortali, u ġew imfakkra wkoll billi ssemmew toroq għalihom.

U jien x'nista' nżid ma' kitbet dawn il-ġganti? Xejn.

Dlonk ġa moħħi feġġew żewġ personaġġi, esperti fil-qasam tagħhom. Il-professur Grazio Falzon, jew aħjar kif dejjem riedni nsejjaħlu Grezzju tal-Ġinwiża, l-eżiljat fil Mid-West Amerikan, kittieb u professur f'żewġ Universitajiet Amerikani u l-arġentier Tarċisju Cassar li ħalliena ftit ilu.

Għażilt li nikteb dwar Tarċisju, (għal raġuni partikulari li tkunu tafuha lejn it-tmiem). Persunaġġ abbli u ta' ħila kbira f'sengħatu magħruf sew f'Malta u Għawdex kif ukoll barra minn xtutna fejn kien ġie kummissjonat biex iwettaq xi xogħlijiet kif se naraw 'il quddiem.

Tarċisju twieled nhar it-18 ta' Frar 1934, missieru Wenzu Cassar kien Żejtuni u ommu, Maria Adeodata Magro kienet Qrendija. Wenzu flimkien ma' martu kienu joqogħdu l-Gwiedi, fi Triq Sant'Anġlu fejn kellu l-ħanut ta' landier. Iżda ġara li meta qorob iż-żmien li jitwieled Tarċisju, Maria, talbet lil żewġha biex jeħodha għand ommha biex ikollha l-wens tagħha fil-ħin tal-ħlas, esperjenza li qatt ma kienet għadha għaddiet minna. Wenzu ma sab l-ebda oġġezzjoni

għal dan u ħa lil martu għand ommha fejn ftit wara twieled Ċisju li l-ewwel ftit ġimgħat ta' ħajtu għamilhom il-Qrendi.

Maria flimkien ma' binha reġgħu lura ż-Żejtun fi Triq Sant' Anġlu, fejn rabbietu bl-akbar għożża. Ċisju beda jitfarfar u kull ħin kien ikun il-ħanut ta' missieru josservah waqt ix-xogħol tiegħu u jdejh jikluh biex jaqbad martell u jtektek bħalma kien jagħmel missieru, li kellu jħabbatha ma' landiera oħra ta' żmienu, imxerdin mar-raħal, bħalma kienu: Kallusu, Ċikku n-Nanna, Giża, il-Kansu u Salvu Portelli.

Wenzu, bħal kull missier ieħor, dejjem bix-xewqa li ibnu jaqbad il-linja tiegħu, u minn età żgħira ħafna kien iħalli lil Ċisju jirribatti xi biċċa landa, u ċ-ċkejken kien jobdi lil missieru, iżda għajnejh kien jitfagħhom l-aktar fuq xi affarijiet tal-fidda li Wenzu kien ikollu biex isewwi. Tant laqtitu din il-fidda li minn età ċkejkna ħafna qabad iħoss xi disinji u kien jippruvahom fuq il-landa. Missieru dan innutah u beda jagħti iżjed attenzjoni lil ibnu speċjalment f'dik li hija teknika ta' tgħawwiġ u brim tal-materjal, li kollox kien irid isir bl-idejn. Dak iż-żmien ma kienx hawn magni u apparat sofistikat bħal-lum.

Ċisju kompla tħarreġ taħt il-ħarsien ta' missieru biss u ebda mgħallem ieħor, u meta ra dik il-ħeġġa u ħila, Wenzu feraħ, u għalkemm ibnu kien għadu żgħir, kull kummissjoni tal-fidda li kienet tidħol kien iħalliha għalih. Ix-xogħol beda joktor, u Tarċisju iżjed jimmatura u jimraħ fl-oġġetti tal-fidda li kienu jaslu għandhom għal xi tiswijiet. Kompla jitħarreġ fid-disinn, u mhux żgur kien għalaq it-18-il sena meta ħażż lampier ċkejken li mill-ewwel ġibed il-għajn ta' nies midħla tal-knejjes. B'hekk bdew jaslu xogħlijiet akbar tal-fidda u xi deheb ukoll, li kollha ġew imwettqa bl-akbar ħila, tant li isem Tarċisju l-arġentier taż-Żejtun inxtered bħal berqa mal-irħula Maltin u Għawdxin.

Tarċisju, kien iżżewweġ lil Carmela Camilleri nhar is-26 ta' Jannar 1964 u minn dan iż-żwieġ kellu tmien ulied li oħroġ il-għaġeb kollha nzertaw idejhom jikluhom għax-xogħol bħal missierhom, kemm is-subien u anke l-bniet.

Diffiċli wieħed jgħid jew isemmi x-xogħlijiet kollha li Tarċisju ħadem fuq medda ta' kważi 60 sena, iżda fost l-aktar imsemmijin huma dawn:

**Fiż-Żejtun insibu**: Kuruna u ċintorin tad-deheb ta' Santa Katerina, 4 settijiet brazzi tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira, il-lampier tal-altar tal-Karmnu, xi raġġieri għall-Ġimgħa l-Kbira u l-gwarniċ tal- artali.

**Fil-Mosta hemm**: Il-lampier maġġur ta' kuljum li huwa l-akbar wieħed li jeżisti f'Malta, kapsula , sitt lampieri tal-kor, żewġ ventartali, wieħed tar-Rużarju u ieħor ta' San Pawl, flimkien mal-affarijiet tal-mejda kollha, l-inċensier, in-navetta, is-satla u l-asperġis.

**Ġewwa r-Rabat hemm dawn ix-xogħlijiet**: Pedestall ta' San Ġużepp, il-kuruna, il-mant, u s-sandli ta' San Ġużepp il-qadim magħruf bħala San Ġużepp ix-xiħ, dawn kollha jinsabu fil-knisja ta' Ġieżu, waqt li fir-Rabat ukoll kien għamel it-tabernaklu maġġur għal parroċċa ta' San Pawl.

**Ġol-Belt Valletta ħalla l-marka tiegħu**: Fil-Parroċċa tal-Karmnu, tabernaklu maġġur, żewġ ventartali, salib tal-bażilika, salib tal-kleru, il-qamar, is-sandli u s-serp, kollha tad-deheb għall-vara tal-Karmnu, waqt li għal parroċċa ta' San Pawl kien għamel il-kanopew ta' fuq it-tabernaklu.

- **F'Marsaxlokk insibu**: Il-lampier maġġur u r-raġġiera ta' mal-vara tal-Madonna ta' Pompeii.
- **Ġewwa Ħal-Lija**: Il-pedistall tal-ostensorju.
- **Fil-Mellieħa**: sitt lampieri għas-Santwarju.
- **Fil-Gżira ħadem**: It-tabernaklu maġġur.
- **F'Ħal-Għaxaq ħalla**: Il-lampier maġġur.
- **Fil-Fgura**: Ir-raġġiera tat-titular.
- **Ġewwa Raħal Ġdid**: Ir-raġġeri tal-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira.
- **Ġo Santa Venera ħadem**: Il-kuruna, il-palma, is-salib u d-dijadema tat-titular.
- **F'Ħal Safi**: żewġ lampieri.

Fil-gżira Għawdxija, Tarċisju, ħalla impatt kbir bix-xogħol tad-deheb u l-fidda u ġew fdati lilu bosta kummissjonijiet, xi wħud minnhom huma dawn:

**Fil-Belt Vittoria**: Għal katidral ħadem id-*dead mask* ta' Papa Piju IX u għall-Parroċċa ta’ San Ġorġ, il-baklu tal-Isqof , id-disa’ lampieri ta’ madwar San Ġorġ , sitt ċiborji li kienu reġgħu ġew lejn Malta biex intużaw fil-quddiesa tal-Papa fuq il-Fosos. Fir-Rabat ukoll, imma fil-kunvent tal-Kapuċċini, ħadem it-tabernaklu maġġur.

**Ġewwa n-Nadur ħadem**: L-artal ta’ San Kurunatu, girlanda, u xi affarijiet tal-Ġimgħa l-Kbira, bħal raġġieri u l-labardi.
**Fix-Xewkija**: Il-pissidi l-kbir.
**Fil-Fontana**: Il-kuruna tal-inkurunazzjoni tal-kwadru titulari.
**F’Santa Luċija insibu**: Il-lampier maġġur, sfera, u d-dijadema tat-titular.
Għas-santwarju ta’ Pinu għamel: tmien lampieri, il-gwarniċ titulari, erba’ gandlieri tal-artal mejda, l-istilel tad-deheb li ġew imqiegħda mill-Papa Ġwanni Pawlu II, kif ukoll il-lampa li xegħel huwa ukoll.

Imma aktarx li l-aktar imkabbra fost l-Għawdxin bix-xogħlijiet ta’ Tarċisju huma x-Xagħrin, fejn Tarċisju ħallielhom il-kuruna tad-deheb li biha saret l-inkurunazzjoni uffiċjali fis-sena 1973, ir-raġġiera, is-sħaba u l-fjura ta’ mal-vara titulari u t-tintinablu tal-bażilika. U ta’ dan kollu, baqgħu jfakkruh b’bandalora bi xbiha tiegħu, li tintrema għal festa tal-Bambina.

Minbarra dawn ix-xogħlijiet kollha, Tarċisju ġie fdat biex jaħdem ir-relikwarju tal-beatifikazzjoni ta’ San Ġorġ Preca, kif ukoll ir-rigali li ngħataw lil Papa f'żewġ okkażjonijiet. Dawn kienu, xbiha tal-Madonna ta’ Pinu u gwarniċ tal-fidda li twaħħal ma’ pittura. Kien ġie wkoll ikkummissjonat biex jaħdem ir-rigal li kien ġie mogħti lir-reġina Eliżabetta II, qabel l-aħħar miġja tagħha f’Malta.

Ħiliet Tarċisju ħarġu wkoll ’il barra minn xtutna, għaliex għal knisja tal-Madonna della Lacrime f’Sirakuża ħadem il-pedistall tal-ostensorju. F’Nurnberg, il-Ġermanja, Tarċisju wkoll ħalla t-timbru tiegħu billi ħadem il-lampier maġġur fil-katidral ta’ San Lawrenz. Barra minn Malta wkoll għandu diversi xogħlijiet għand kollezzjonisti diversi li huma mxerrda madwar id-dinja kollha, tant li diffiċli ferm biex tiġborhom kollha, biss biss jeżistu mas-sebgħin lampier.

Tarċisju ħalla dan il-wied ta' dmugħ fl-20 ta' Marzu 2014 fl-għomor ta' 80 sena (jagħlaq sentejn għada u għalhekk għażilt li nikteb fuqu) u bil-mewt tiegħu, ir-raħal tagħna tilef ġawhra prezzjuża. Iżda għalkemm ġismu m'għadux magħna, l-ispirtu tiegħu qiegħed f'uliedu s-subien Deo, Joseph, Mario, Manuel u Tarcisio, li komplew fejn ħalla missierhom u qed ikomplu jgħollu 'l fuq isem iż-Żejtun.